**Darba Waħda kien hemm Tajra …**

Darba waħda kien hemm tajra sabiħa u kkulurita, li s-sid tagħha kien tifel żgħir ta' għaxar snin. Bħalma kien jagħmel ta' kull nhar ta' Ħadd, Ġanni ħareġ bit-tajra tiegħu li kien tant iħobb u jgħożż. Iżda b'xorti ħażina din ħarbitlu minn idejh.

It-tajra ma tantx kienet ferħana. Lil Ġanni kienet tħobbu ħafna għax hu dejjem kien jirrispettaha. Iżda meta ħasbet fil-fond indunat li qatt ma kellha l-okkażjoni li tara sew lil Malta. Għalhekk taret kemm felħet biex tiskopri lill-gżira.

Meta taret minn id Ġanni, t-tajra kienet tinsab ir-Rabat. Għalhekk ma setgħetx ma tarax lill-Imdina. Din il-belt iffortifikata bis-swar għoljin li kienu nbnew żmien ilu, apprezzatha tassew. It-tajra rat ukoll bosta mużewijiet interessanti, u djar kbar li kollha kienu daqs ħabs u li kienu jiswew kemxa flus ġmielha!

Mingħand l-għasafar tal-bejt, it-tajra semgħet li Malta għandha baħar blù, ċar u ferm sabiħ. Għalhekk hi ddeċidiet li tmur fil-bajja ta' l-Għadira. Din il-bajja ssaħħrek bil-ġmiel. It-tajra baqgħet tħares lejn il-Maltin u t-turisti jieħdu gost jgħumu f'dak il-baħar kalm.

Minnufih it-tajra mqarba ddeċidiet li hi wkoll kellha tinżel tgħum bħal dawk il-bnedmin. Iżda qabel messet ma l-ilma rat papra li qaltilha li fil-gżira oħt ta' Malta, Għawdex, hemm bajjiet aktar kwieti fejn wieħed jista' jgħum b'aktar kumdità.

Għalhekk it-tajra qabbdet ir-rotta lejn Għawdex. Iżda fi triqtha hija ħassbet f'Ġanni u rat kemm dan seta' kien imdejjaq. Allura daret lura lejn dar it-tifel u meta waslet daħlet tistrieħ fil-kamra tas-sodda tiegħu. Hekk spiċċaw it-tnejn ferħana.